MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Numru 2/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
Anthony Schembri

Il-Qorti,

**Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 2 tas-sena 2005, kontra l-akkuzat Anthony Schembri, li bih huwa gie akkuzat talli :**

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-lejl ta' bejn is-seba' w ghoxrin (27) u t-tmienja w ghoxrin (28) t'Ottubru tas-sena elfejn u wiehed (2001), Anthony Schembri, allura mizzewweg imma separat b'sitt itfal dipendenti fuqu, kif ukoll allura minghajr impieg, kien miftiehem mat-tfajla tieghu dak iz-zmien, u cioe' Graziella Camilleri, kif ukoll ohtu Lily u l-gharus taghha Kevin Marmara, sabiex jinzlu sa Paceville u jiddevertu ftit. Pero' qabel ma telaq mid-dar, Anthony Schembri kien

diga’ xorob salt inbid. Wara l-ghaxra ta’ bil-lejl, huma waslu Paceville, u, wara li qattghu xi hin iduru xi discos fl-inhawi, spiccaw fl-istabbiliment bl-isem ta' Insomnia. Hemmhekk qattghu xi saghtejn u nofs jixxorbu, b’Anthony Schembri li xorob kwantita’ ta’ birra.

F’hin minnhom, Anthony Schembri kien sejjer lejn it-toilet tal-imsemmi stabbiliment meta nqabad f’nofs ta’ argument u taqtiegha li kienet ghaddejja bejn xi zghazagh Ghawdxin dak il-hin. Di fatti, bhala konsegwenza, l-istess Schembri sofra xi grif hfief fuq il-parti ta’ wiccu. B’danakollu, wara ftit tal-hin, is-sitwazzjoni kkalmat ghal kollox gewwa l-imsemmi stabbiliment. Anthony Schembri u dawk li kienu fil-kumpanija tieghu komplew jiehdu xi drink bejniethom sakemm wasal il-hin sabiex jitilqghu mill-istess stabbiliment.

Hekk kif dawn hargu mill-Insomnia, Anthony Schembri lemah hemm barra zewg zghazagh li hin qabel kienu involuti f’xi argument bejniethom u f’liema argument l-istess Schembri kien inqabad ghal ftit tal-hin. Dawn iz-zewg zghazagh kienu Stephen Sam Portelli u Carm James Grech.

Kif, mela, Anthony Schembri lemah l-ewwel lil Stephen Sam Portelli, huwa telaq jigri lejn id-direzzjoni tieghu, sab flixkun fl-art, gabru, kissru mal-bankina w, bil-hsieb li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna tal-iehor, xejjer u ta diversi daqqiet bil-parti ppuntata tieghu fuq ghonq l-istess Sam Portelli. B’dawn id-daqqiet, Stephen Sam Portelli sofra griehi gravi ferm tassew u beda jitlef minnufih kwantita’ sostanzjali ta’ demm, tant li meta ftit tal-hin wara gie rikoverat l-Isptar huwa kien fil-periklu imminenti tal-mewt.

Fl-Isptar, Sam Portelli gie sottomess ghal diversi interventi kirurgici w medici, w dana ghal bosta jiem. Pero’ kien kollu ghal xejn ghaliex l-istess Sam Portelli miet fl-eta’ ta’ seba w ghoxrin (27) sena nhar id-disgha (9) ta’ Novembru, 2001, ghall-habta tat-tmienja w nofs ta’ filghaxija, liema mewt grat minhabba biss in-natura jew il-

konsegwenzi naturali tal-offiza li Anthony Schembri kien ikkaguna fuq il-persuna tieghu gimgha w nofs qabel.

B'dan l-agir u l-eghmil doluz tieghu, Anthony Schembri rrenda ruhu hati tad-delitt ta' offiza gravi volontarja segwita bil-mewt.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Anthony Schembri, hati talli, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gabilha dizordni f'mohha, b'liema offiza gravi volontarja fuq il-persuna grat il-mewt, minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza; b'dan, li l-mewt grat fi zmien erbghin gurnata li bdew jghaddu mill-ahhar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn sitt snin sa ghoxrin sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 220(1)(a), 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tiskta' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi dejjem fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 t'Ottubru tal-imsemmija sena 2001, filwaqt li Anthony Schembri kien qatta' sieghat twal jixrob fil-kumpanija tat-tfajla tieghu, ohtu u familjari ohra fl-istabbiliment Insomnia gewwa Paceville, huwa, fl-istess waqt li kien ifforma l-hsieb li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Sam Portelli (kif allegat fil-kap precedenti), sekondi wara fforma l-istess hsieb li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Carm James Grech, zghazugh ta' sbatax-il sena.

Bl-istess parti ppuntata tal-flixkun imkisser li bih huwa kien agredixxa lil Sam Portelli, Anthony Schembri agredixxa lil Carm James Grech fejn xejjer u ta diversi daqqiet bih fuq ghonq l-istess Grech, bil-konsegwenza li kkagunalu zewg lacerazzjonijiet fin-naha tax-xellug tal-ghonq u lacerazzjoni ohra fuq il-minkeb tax-xellug. Carm James Grech hin wara ittiehed l-Isptar fejn il-kundizzjoni tieghu

nstabet li kienet gravi, ghalkemm mhux fil-periklu tal-mewt. Hemmhekk inzamm ghall-kura w ghal aktar osservazzjonijiet fuq firxa ta' jiem sakemm gie ghall-ahjar u seta jigi licenzjat mill-Isptar.

Illi b'dan il-mod kif huwa gab ruhu f'dan l-incident, Anthony Schembri rrenda ruhu hati ta' offiza gravi volontarja maghmula b'arma regolari.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Anthony Schembri, hati talli, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gabilha dizordni f'mohha, liema offiza gravi volontarja fuq il-persuna giet maghmula b'arma regolari.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, w illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn hames xhur sa seba' snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a), 217, 20, 22, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum stess , li bih b'sitt (6) voti favur u tlieta (3) kontra sabu lill-akkuzat Anthony Schembri hati tal-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, b'dana pero' li r-reat huwa skuzabbli ghaliex sar fil-waqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-emil tieghu w bi tmin (8) voti favur u vot wiehed (1) kontra sabu lill-akkuzat Anthony Schembri hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, izda mhux b'arma regolari, b'dana pero' li r-reat huwa skuzabbli ghaliex sar filwaqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu.

Rat il-verbali li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li l-verdett kien registrabbli.

Tiddikjara ghalhekk lil Anthony Schembri
1. hati talli fil-lejl ta' bejn is-seba' w ghoxrin (27) u t-tmienja w ghoxrin (28) t'Ottubru, 2001, gewwa Paceville, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, u cioe' Stephen Sam Portelli, jew gabilha dizordni f'mohha, b'liema offiza gravi volontarja fuq il-persuna grat il-mewt ta' Stephen Sam Portelli minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza; b'dan li l-mewt grat fi zmien erbghin gurnata li bdew jghaddu mill-ahhar nofs il-lejl ta' qabel id-delitt , w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, b'dana pero' li r-reat huwa skuzabbli ghaliex sar fil-waqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, filwaqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu.

2. Tiddikjara lil Anthony Schembri hati talli fil-lejl ta' bejn is-27 u t-28 t'Ottubru, 2001, gewwa Paceville, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, w cioe' Carm James Grech, jew gabilha dizordni f'mohha, liema offiza gravi volontarja fuq il-persuna pero' ma gietx maghmula b'arma regolari, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, b'dana pero' li r-reat huwa skuzabbli ghaliex sar filwaqt li l-hati kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt ma kienx jista' jqis l-ghemil tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur Dr. Jose' Herrera, w is-sottomissjonijiet minnu maghmula, kif ukoll tal-abbli prosekutur Dr. Mark Said u tal-abbli Avukat tal-parte civile, Dr. Giannella Caruana Curran, dwar il-piena.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni llum stess u li d-difiza hadet konjizzjoni taghha.

Qieset is-sottomissjonijiet kollha tad-difiza li jinsabu registrati w senjatament, izda mhux biss, is-segwenti w cioe' :

1. Illi d-dikjarazzjoni ta' htija fuq l-Ewwel Kap, bl-iskuzanti, kienet bl-inqas verdett possibbli ta' sitt voti kontra tlieta, fil-waqt li dik dwar it-Tieni Kap kien verdett aktar car ta' tmin voti kontra wiehed u dan kellu jkun ta' aktar beneficcju ghall-hati peress illi l-Ewwel Kap kien wiehed aktar serju;
2. Li giet abbraccjata mill-gurati wahda mit-tezijiet tad-difiza li kienet tittraduci ruhha f'riduzzjoni ta' terz tal-piena possibbli;
3. Li c-cirkostanzi kienu tali li ma kienux jimmeritaw li l-hati jigi sentenzjat ghall-massimu tal-piena preskritt mill-Ligi;
4. Li l-fedina penali tal-hati kienet turi biss kundanni tar-reati tat-traffiku u reati ta' natura kontravenzjonali;
5. Li ghalkemm il-kaz kien wiehed mill-aktar serji, kien fih element pjetuz peress li l-incident kien sbroffa minghajr l-ebda provokazzjoni ta' xejn da parti tal-hati w hu spicca vittma bla intenzjoni ta' xejn;
6. Li kif irrizulta mill-verdett, f'dan il-kaz ma kienitx intuzata arma regolari w mhux il-kaz li l-hati kien mar Paceville diga' armat b'xi arma regolari, bhal mus per ezempju;
7. Li l-gurisprudenza recenti, meta l-gurati kienu hargu b'verdetti simili, anki f'kazijiet ta' omicidju volontarju, bhal "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dominic Briffa", il-piena kienet giet imnaqqsa minn disa' snin ghal tmin snin mill-Qorti tal-Appell Kriminali w sentenzi ohra li kien jaf bihom hu f'kazijiet analogi, l-piena kienet aktar miti.
8. Illi l-piena ma kellix ixxaqleb lejn il-massimu;

Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekutur Dr. Mark Said w cioe' :

1. Illi issa li nstemghu l-provi, kien jidher li l-akkuzi li resqet il-prosekuzzjoni kienu pjuttost minimi;
2. Li bil-verdett tal-gurija saret gustizzja mal-vittmi u mal-hati;

3. Illi skond l-Artikolu 232(a) u 17(b) tal-Kodici Kriminali, skond il-komputazzjoni tal-prosekuzzjoni, l-massimu tal-piena kien ta' erbatax il-sena prigunerija;
4. Li f'dan il-kaz l-azzjoni irresponsabbli da parti tal-hati kienet wahda li wiehed jiltaqa' maghha ta' spiss fl-ambjenti ta' Paceville;
5. Li mill-fedina penali tal-hati kien jidher li hu bniedem ta' temperament iraxxibbli u li taqbizlu malajr, ghalhekk il-hati kellu jigi punit b'mod gust u li l-piena ma kellix tkun ta' inqas minn tnax il-sena prigunerija biex jintbaghat messagg car lis-socjeta' li dawn l-incidenti banali ma jridux jibqghu jeskalaw ghall-konsegwenzi tragici, kif gara f'dan il-kaz.

Qieset ukoll is-sottomissjonijiet tal-parte civile Dr. Giannella Caruana Curran u cioe;
1. li fil-fehma tal-parte civile fic-cirkostanzi li rrizultaw mix-xhieda f'dan il-process kien jidher li l-akkuzi li ressaq l-Avukat Generali fl-Att tal-Akkuza kienu miti ghax dan kien kaz fejn intweriet certa determinazzjoni w vjolenza kbira;
2. ghalkemm kien veru li l-hati ma kienx armat f'xi "flick knife" minhabba li qala' semplici "black eye" rajnih jecita' ruhu, jaqbad flixkun, ikissru, jisprintja lejn il-vittmi w l-ewwel ihanxar ghonq wiehed minnhom, umbaghad ihanxar ghonq l-iehor ukoll;
3. b'rizultat ta' dan l-agir, il-genituri ta' Stephen Sam Portelli spiccaw minghajr l-uniku tifel li kellhom;
4. Hawnhekk si tratta ta' zewg reati differenti w mhux ta' reati komprizi w involuti f'xulxin u ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti kellha tmur ghall-piena massima.

Ikkonsidrat :

Illi f'dan il-kaz il-piena ghar-reat kontemplat fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe' ta' offiza gravi segwita bil-mewt bl-iskuzanti tal-passjoni istantanja w agitazzjoni tal-mohh hija ta' minimu ta' erba' snin prigunerija w massimu ta' tlettax il-sena w tmin xhur prigunerija w dana skond l-Artikolu 220(1)(a), 227(c), 230(b) u 232(a) tal-Kodici Kriminali, filwaqt li l-piena ghar-reat ta' ferita gravi izda mhux b'arma regolari w bl-iskuzanti tal-passjoni istantanja

w agitazzjoni tal-mohh hija dik ta' piena karcerarja minima ta' xahrejn (2) prigunerija sa wahda massima ta' sentejn (2) prigunerija w dana skond l-Artikolu 216(1), 227(c), 230(b) u 232(a).

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(b) dwar il-konkors tal-pieni, l-piena minima komplessiva hija ghalhekk wahda ta' erba' (4) snin u ghoxrin (20) jum u dik massima hija dik ta' erbatax (14) il-sena w tmin (8) xhur prigunerija.

**Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza** "Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi" **[30.7.2004] : -**
***"…Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f' xi forma ta' vjolenza fizika .***"

**Illi dan il-principju rega' gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha : "**Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici**" [11.11.2004] fejn gie ritenut li :-**
*"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali ; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibghatu messagg car …..li l-vjolenza fizika ghandha , bhala regola generali , dejjem iggib maghha il-piena ta' prigunerija b'effett immedjat."*

Illi din il-Qorti trid taghmilha cara illi hi trid tiddeciedi biss fuq l-akkuzi li kellha quddiemha kif ipprezentati mill-Avukat Generali w l-htija riskontrata mill-gurati fir-rigward ta' dawn l-akkuzi w ghalhekk kull referenza li saret mill-abbli prosekutur u mill-abbli Avukat tal-parte civile dwar li l-akkuzi kienu miti mhux ser tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti meta tigi biex teroga l-piena.

Il-fatti kienu ben noti mill-Avukat Generali mill-ezami tal-atti tal-kumpilazzjoni w xejn ma zammu milli jressaq akkuzi aktar gravi kieku ried.

Illi ghalkemm il-fedina penali tal-hati mhix wahda reffrattarja ghall-ahhar b'dana kollu jidher li fuq firxa ta'

snin huwa kellu sitt kundanni mill-Qrati, tlieta minnhom li jirrigwardaw ksur tal-Ligijiet tat-traffiku, pero' kellu tlieta ohra li tnejn minnhom kienu jikkonsistu f'kundanni ghal storbju, glied u kliem oxxen u darba minnhom f'kundanna ta' theddid lill-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku w addirittura b'arma w cioe' imterqa. Ghalhekk jidher li hu mhux l-ewwel darba li kiser difrejh mall-ligi f'reati konnessi ma' glied.

Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli 17(b), 22, 214, 215, 216(1), 220 (1)(a), 227(c), 230(b), 232(a) u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna l-hati Anthony Schembri ghal piena komplessiva ta' tnax (12) il-sena prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li hu ghamel taht arrest preventtiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat, kif ukoll tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-perizji f'din il-kawza li jammontaw ghal seba' mija w hames liri Maltin u seba' w tmenin centezmi (LM 705.87c).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------